



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14423/19
ADD 1
LIMITE
PV CONS 64
RELEX 1087

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin/Kummerċ)
21 ta' Novembru 2019

KONTENUT

Pàġna

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Ir-riforma tad-WTO u l-istat tat-tħejjijiet għat-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.....	3
4.	Relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti	3
5.	L-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali, inkluż it-tielet rapport annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-FTA	3
6.	Affarijiet oħra	3
a)	Riżultati tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2019 dwar il-kummerċ internazzjonali	
b)	Imġiba Responsabbli fin-Negozju	

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Ir-riforma tad-WTO u l-istat tat-tħejjijiet għat-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar żviluppi dwar il-proċess ta' riforma tad-WTO, kif ukoll l-istat tat-tħejjijiet għat-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO, inkluż il-prijoritajiet ewlenin u r-riżultati possibbli. Il-Kunsill esprima l-appoġġ ġenerali tiegħu għall-approċċ tal-Kummissjoni, kif ukoll id-determinazzjoni li jżiedu l-isforzi għal eżitu b'suċċess tat-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO.

Il-Kunsill tenna t-tħassib serju tiegħu rigward il-ħatriet pendenti tal-Korp tal-Appell. L-UE għandha tagħmel dak kollu possibbli biex iżżomm soluzzjoni ta' tilwim vinkolanti fid-WTO ma' korp ġudikanti indipendenti, li hija essenzjali biex is-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli tkun effettiva.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill laqa' approċċ plurilaterali possibbli għal arranġamenti interim għal soluzzjoni ta' tilwim vinkolanti, dment li dan ma jikkompromettix il-linji ħomor tal-UE.

Il-Kunsill afferma wkoll id-determinazzjoni tiegħu li jżomm u jsaħħaħ is-sistema kummerċjali multilaterali u jagħmel dak kollu meħtieġ biex iżomm il-vijabbiltà u l-funzjonament ġenerali tad-WTO,

4. Relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti

Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti u ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli ssegwi aġenda kummerċjali pożittiva kif maqbul mill-Presidenti Juncker u Trump f'Lulju 2018.

Fir-rigward tat-tilwima Airbus/Boeing, il-Kunsill iddispjaċih għall-għażla tal-Istati Uniti li jimxu 'l quddiem bit-tariffi u tenna li l-offerta tal-UE għal soluzzjoni nnegożjata baqgħet fuq il-mejda.

Il-Kunsill innota li l-Istati Uniti ma ħadux deċiżjoni finali dwar it-tariffi tal-karozzi tat-Taqsim 232, iżda tenna li l-importazzjonijiet tal-karozzi tal-UE mhumiex theddida għas-sigurtà nazzjonali għall-Istati Uniti. Kieku l-Istati Uniti kellhom jimponu tariffi tal-karozzi fil-futur, ir-rispons tal-UE jkun sod u proporzjonat, f'konformità sħiħa mar-regoli tad-WTO.

L-UE tibqa' magħquda fl-approċċ tagħha għar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti u lesta li timpenja ruħha abbażi ta' aġenda pożittiva.

5. **L-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali, inkluż it-tielet rapport annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-FTA**
Dibattitu ta' orjentazzjoni

13110/19 + ADD 1

Abbażi tat-tielet rapport annwali mħejji mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddiskuta l-implimentazzjoni tal-FTAs tal-UE.

Il-Kunsill laqa' l-isforzi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward u kkunsidra li għandha tkompli d-diskussjoni dwar kif għandhom jittejjbu l-implimentazzjoni u l-infurzar. Il-Kunsill għalhekk stieden lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali biex isegwi s-sejbiet ewlenin tar-rapport u jiddiskuti aktar x'jista' jsir flimkien biex jiġi żgurat li jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

Il-Kunsill ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni kif u meta xieraq.

6. **Affarijiet oħra**

a) **Riżultati tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2019
dwar il-kummerċ internazzjonali**
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissarju Malmström ippreżentat is-sejbiet ewlenin tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2019 dwar il-kummerċ internazzjonali.

b) **Imġiba Responsabbli fin-Negozju**
Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands

14022/19

Fuq il-bażi tan-nota ta' spjegazzjoni tagħha, id-delegazzjoni Netherlandiża qajmet xi kwistjonijiet relatati mal-impenn fil-livell tal-UE dwar Imġiba Responsabbli fin-Negozju.